MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2010

Numru 12/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs.**

**Mary Magdalena Sultana**

**Illum 6 ta' Jannar 2010**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Magdalena Sultana ta' tlieta u tletin (33) sena, bint il-mejjet Costantino Sultana u Winifred neè Zarb imwielda Attard fl-14 ta' April 1976 u residenti Numru 11, Triq Pawlu Burlò, Hamrun, detentrici ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 584676(M):

1. Talli f' Lulju 2009 u fis-snin immedjatament preċedenti f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-liġi jew billi

għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' HSBC Bank Malta plc, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, ai termini ta' l-Artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-Artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fis-6 ta' Lulju 2009 fil-Belt Valletta, għamlet dikjarazzjoni falza, jew taght tagħrif falz, jew ipproduċiet dokumenti foloz, ai termini tal-Artikolu 14(2)(b) tal-Kap 258 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li kienet taf li ma sarx ai termini ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Ufficjal Prosekutur in oltre talab lil din il-Qorti sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Wara li rat illi l-imputata irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Wara li rat illi l-Ufficjal Prosekutur irrinunzja ghat-talba sabiex l-imputata tigi kkundannatha thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputata;

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha din il-Qorti jkollha necessarjament issibha hatja tar-reati addebitati lilha u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

Madanakollu ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputata fi stadju ferm bikri tal-proceduri kif ukoll l-ammissjoni u konferma da parte taghha li hija debitrici ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600), liema somma hija appuntu dik indikata fid-dokument Dok. "MC5" esebit mill-Ufficjal Prosekutur, u li hija disposta thallas dan l-ammont lura lill-imsemmi Bank entro t-terminu lilha prefiss f'din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 110(2), 183, 184, 308, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 14(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni taghha ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija izda, billi fil-fehma

tal-Qorti fic-cirkostanzi, u partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-imputata hija lesta li thallas is-somma ta' €18,600 lill-HSBC Bank Malta p.l.c. entro t-terminu lilha prefiss minn din il-Qorti, ma jkunx ghaqli li tikkundanna lill-imputata ghal perijodu ta' prigunerija izda huwa iktar ta' beneficcju li l-istess imputata tinghata opportunità ohra biex tirriforma ruhha, ai termini ta' l-Artikolu 28A(1) u l-Artikolu 28E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta it-terminu ta' sentejn (2) prigunerija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabilità taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hi tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti in oltre tikkundanna lill-imputata thallas lill-HSBC Bank Malta p.l.c. is-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt Euro (€18,600) u dana fi zmien ta' mhux iktar minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Ghal kull buon fini l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car il-konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tonqos milli thallas l-imsemmi ammont entro t-terminu lilha hawn prefiss.

In vista tar-rinunzja ta' l-Ufficjal Prosekutur ghat-talba tieghu li l-imputata tigi kkundannata thallas thallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess talba.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------